# Prosit lill-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba

Bhala parti mic-celebrazzjonijiet tat-tieni anniversarju minn meta Malta issiehbet fl-Unjoni Ewropea, il-Ministeru tat-Turizmu u Kultura flimkien ma' l-Awtorita' tat-Turizmu bil-kollaborazzjoni tal-Ghaqda Piroteknika ta' Malta, ghadha kif organizzat il-Hames edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta bejn id-29 u 30 ta' April 2006.

Din is-sena ghall-ewwel darba fil-festival giet introdotta sistema ta' kompetizzjoni fejn hames partecipanti, tliet ghaqdiet Maltin u tnejn barranin offrew spettakli ta' nar sinkronizzati mal-muzika ghal madwar 10 minuti shah.

L-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet wahda minn dawn il-partecipanti li zgur li l-ispettaklu li offriet kien uniku u originali. Dan jista' jixhdu kulmin kien prezenti. It-tema maghzula kienet '*Dancing Stars over the water'* fejn assistejna ghal diversi tipi ta' loghob tan-nar originali sinkronizzat ma' tlett siltiet muzikali; Sinfonija Nru. 5 ta' Ludvig van Beethoven, Arrangament orkestrali minn xogholijiet ta' John Williams b'temi mill-*films Star Wars, E.T. The Extra Terrestial* u tema muzikali mill-*Olympic Fanfare*. It-tielet silta muzikali kienet dik ta' *Radetzky March* ta' Johann Strauss.

L-Ghaqda tan-Nar Santa Marija offritilna spettakli ta' nar sinkronizzat mal-muzika fosthom beraq, beraq li ma jidhirx, bebbux, blalen, centrijiet, bombi tal-lampjun, kurcetti, raxx u disinni bhal qlub, ucuh, stilel, trijangli go crieki kif ukoll slaleb tal-kavallieri. Innovazzjoni gdida kienet il-kelma MALTA iffurmata permezz ta' zbruffaturi li ntlaqet b'capcip kbir minn dawk prezenti.

L-Ghaqda fil-fatt rebhet l-unuri bhala l-ahjar spettaklu sinkronizzat mal-muzika, l-ahjar korjografija kif ukoll dak ta' l-originalita'. **B'hekk l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba rebhet l-ewwel unur ta' dan l-ewwel Festival Internazzjonali ta' Malta 2006 bhala l-*overall winner.***

Zgur li dan l-unur ikompli jimla' lil din l-Ghaqda b'kuragg kbir sabiex ikomplu jahdmu u juru t-talenti u l-hila taghhom. Zgur li nies bhal dawn, li b'mod volontarju jahdmu tul is-sena kollha, jixirqilhom kull tifhir.

F'isem il-Kumitat Ezekuttiv, soci u partitarji tas-Socjeta' Santa Marija u Banda Re Gorg V u f'isem l-Imqabba nixtieq nghid prosit kbira lill-Ghaqda tan-Nar Santa Marija li ta' kull sena qed tkompli tkabbar isimha, isem is-Socjeta' taghna u r-rahal ta' l-Imqabba mhux biss ma' Malta kollha imma anke barra minn xtutna. Fl-ahhar nett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew iehor ghenu sabiex dan l-ispettaklu seta' jigi organizzat. Ghal aktar taghrif, ritratti u *video clips* ta' dan l-ispettaklu, inheggukom sabiex izzuru s-sit ufficcjali tas-Socjeta' Santa Marija u Banda Re Gorg V u thallu l-kummenti taghkom fuq **www.santamarija.com**.

**Antoine Sciberras**
***Socjeta' Santa Marija u Banda Re Gorg V***
***Mqabba Est 1910***